# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2021/511

## tat-22 ta' Marzu 2021

## li temenda d-Deċiżjoni 1999/70/KE dwar l-awdituri esterni tal-banek ċentrali nazzjonali, fir-rigward tal-awdituri esterni ta' Eesti Pank

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra l-Protokoll Nru 4 dwar l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, anness għat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u għat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 27.1 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-4 ta' Frar 2021 lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea dwar l-awdituri esterni ta' Eesti Pank (BĊE/2021/5) ([1]),

Billi:

(1) Il-kontijiet tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) u tal-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro jridu jiġu awditjati minn awdituri esterni indipendenti rrakkomandati mill-Kunsill Governattiv tal-BĊE u approvati mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.

(2) Il-mandat tal-awdituri esterni ta' Eesti Pank skada wara l-awditu għas-sena finanzjarja 2020. Għalhekk jenħtieġ li jinħatru awdituri esterni mis-sena finanzjarja 2021.

(3) Eesti Pank għażel lil Ernst & Young Baltic AS bħala l-awdituri esterni tiegħu għas-snin finanzjarji 2021 sa 2025.

(4) Il-Kunsill Governattiv tal-BĊE rrakkomanda li Ernst & Young Baltic AS jinħatru bħala l-awdituri esterni ta' Eesti Pank għas-snin finanzjarji 2021 sa 2025.

(5) B'segwitu għar-rakkomandazzjoni tal-Kunsill Governattiv tal-BĊE, jenħtieġ li d-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/70/KE ([2]) tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Fl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni 1999/70/KE, il-paragrafu 17 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"17. Ernst & Young Baltic AS huma b'dan approvati bħala l-awdituri esterni ta' Eesti Pank għas-snin finanzjarji 2021 sa 2025.".

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha ssir effettiva fid-data tan-notifika tagħha.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Bank Ċentrali Ewropew.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Marzu 2021.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
J. BORRELL FONTELLES

([1]) ĠU C 47, 10.2.2021, p. 2.
([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/70/KE tal-25 ta' Jannar 1999 dwar l-awdituri esterni tal-banek ċentrali nazzjonali (ĠU L 22, 29.1.1999, p. 69).